# Għaliex Bażilika



by Dr. Antoine Agius, LL.D., Ph.D.

Hu dokumentat li Ħal Qormi bħala Parroċċa kienet teżisti minn qabel l-1436. Għoxrin sena wara, fi żmien il-Kappillan Gulju Lombardo nbniet knisja oħra u fl-1584 inbniet il-knisja li hawn illum. Meta din inbniet kienet l-ikbar knisja parrokkjali fil-gżejjer Maltin. Mitt sena wara, fl-1684 żdidulha l-kampnari u l-koppla. Skont il-Perit Leonard Mahoney il-pjanta ta' din il-Knisja hi ta' Vittorio Cassar, iben il-famuż Girolamo Cassar. Il-koppla saret taħt id-direzzjoni ta' Lorenzo Gafa', ħu l-iskultur Melchiore Gafa'. Il-parroċċa tagħna ġiet iddedikata fis-6 ta' Mejju 1741. Il-parroċċa tagħna kellha magħha territorju tant vast li, fost ħwejjeġ oħra, kien infirex fejn illum hemm il-belt kapitali ta' pajjiżna. Fil-fatt, fl-Assedju l-Kbir tal-1565 il-Kappillan ta' Parroċċa San Ġorġ ta' Ħal Qormi, Dun Gianello Cilia, miet martri f'Sant'Iermu, jassisti l-feruti u l-moribondi bl-aħħar sagramenti. Rasu spiċċat maqtugħa mit-Torok u użata flok balla f'waħda mill-kanuni tal-għadu.



*Bażilika Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu Valletta*



*Pontifikal Festa San Pawl Nawfragu l-Belt*

Ftit wara li l-Papa San Piju V, li kien Dumnikan, u li ħabrek biex inbniet il-belt ġdida li jisimha Valletta, għall-Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann, u din inbniet fuq parti mit-territorju li ġeografikament kien parti mill-parroċċa tagħna. Fuq talba tal-patrijiet Dumnikani tal-Birgu, il-Belt il-Qadima, l-istess Papa San Piju V b'Bolla Appostolika "Ex Debito Pastoralis" nhar it-2 ta' Lulju 1571 għamel il-Knisja ta' Porto Salvo tal-belt il-ġdida parroċċa. Kien għalxejn li l-kappillan tal-Parroċċa San Ġorġ Dun Marju Briffa tela' Ruma jipprotesta. Mitt sena wara bħala kommemorazzjoni ta' dan l-avveniment, li ħarġet il-parroċċa ta' Porto Salvo u San Duminku mit-territorju tal-Parroċċa San Ġorġ saret id-Domna li hemm fuq iz-zuntier. Il-knsja ta' San Duminku ġiet elevata għall-Bażilika Minuri fl-1816 u kkonsegrata fil-15 ta' Ottubru, 1889.



*Knisja Bażilika Porto Salvo u San Duminku l-Belt*



*Papa Pio V*

It-tieni parroċċa tal-belt hi dik dedikata lil San Pawl Nawfragu.

L-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici sselllem u tferraħ

Il-knisja nbniet fl-1577, reġgħet inbniet bejn 1639 u 1679. Fl-1577 saret kolleġġjata. Is-Santwarju Bażilika tal-Karmnu l-Belt sar bażilika minuri fl-1895. Il-Knisja ta' Santu Wistin saret parroċċa fl-1968. Il-parroċċa Griega-Kattolika tal-Knisja tal-Madonna ta' Damaxxena ġiet stabbilita bejn 1576 – 1587. Hi sservi l-Kottoliċi ta' rit Bażantin jew Grieg fid-Djoċesi ta' Malta u Għawdex.

Minbarra diversi knejjes li llum jagħmlu mal-belt l-ikar li hemm bżonn jissemma huwa l-kon-katidral ta' San Ġwann li nbena bejn l-1573 u l-1577 mill-Gran Mastru La Cassier – l-importanza, għal dan l-artikolu hi li hu KON-KATIDRAL.

Wieħed irid isemmi wkoll li hemm parroċċa oħra li nbniet fuq territorju li kien jagħmel parti, fiż-żmien, mal-parroċċa San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi.

Fil-25 ta' Mejju, 1743, **Ħal Qormi sar l-ewwel raħal fil-kampanja Maltija li ngħata t-titlu ta' Belt.**

Dan biex ma noqgħodx insemmi nies fl-oqsma differenti tal-ħajja li għamlu ġieħ lil beltna, kemm spiritwali u kemm lajċi. Il-Kappilan Dun Gianello Cilia, l-isqijiet Carmelo Scicluna, Annetto Depasquale, u George Frendo, Presidenti ta' Malta Dott. George Abela u Dott. Marie Louise Coleiro Preca, u kittieba bħal missier il-letteratura Maltija, Ġużè Muscat Azzopardi, u Ġużè' Cardona – dawn tal-aħħar kienu kapaċi jagħqdu r-reliġjon mal-patrijottiżmu. U dan biex ma nsemmix persuni distinti oħra li ħallew il-marka tagħhom f'kull qasam tal-ħajja.

Għalhekk inħoss li l-parroċċa ta' San Ġorġ Martri, li hu mhux biss matriċi u arċimatriċi iżda omm it-tixrid tal-fidi Nisranija, mhux biss il-belt kapitali iżda f'diversi lokalitajiet, għandha ssir bażilika.



*Il-Knisja ta' San Ġorġ, Ħal Qormi*



*Il-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta*



*Il-Katidral ta' San Ġwann*

**Awguri lill-Għaqdiet sportivi, u persuni individwali Qriema, li għamlu suċċess f'dan l-istaġun sportiv**


MERIT TRADING

www.merit-trading.com

Importers & Distributors of School & Office Stationery

**Jeffrey Grech**
*Sales Director*

26, Triq il-Proża, Qormi QRM 2582 - Malta
Tel: (+356) 2144 8162 • Mob: (+356) 9982 1533
E-mail: info@merit-trading.com